RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Mejju 2008

dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: triossidu tal-kromju, dikromat ta' l-ammonju, dikromat tal-potassju

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2326)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/455/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta' prijorità għall-valutazzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/97 tas-27 ta' Jannar 1997 [2] li jikkonċerna t-tielet lista ta' sustanzi ta' prijorità kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93

— triossidu tal-kromju,

— dikromat ta' l-ammonju,

— dikromat tal-potassju.

(2) L-Istat Membru rapporteur maħtur skond dak ir-Regolament temm l-attivitajiet tal-valutazzjoni tar-riskju għall-bniedem u għall-ambjent għal dawk is-sustanzi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għal studju dwar ir-riskji għall-bniedem u l-ambjent ta' materjali eżistenti [3] u ssuġġerixxa strateġija biex ikunu limitati r-riskji skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE) kien ikkonsultat u ħareġ opinjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju li saru mir-rapporteur. L-opinjonijiet ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kumitat Xjentifiku.

(4) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u aktar riżultati ta' l-istrateġiji biex ikunu limitati r-riskji huma stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni korrispondenti [4].

(5) Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, huwa xieraq li jkunu rrakkomandati ċerti miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal ċerti sustanzi.

(6) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju rrakkomandati għall-ħaddiema għandhom ikunu kkunsidrati fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema, meqjusa li tipprovdi qafas xieraq biex jiġu limitati r-riskji tas-sustanzi rilevanti sa fejn meħtieġ.

(7) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li għalihom tipprovdi din ir-rakkomandazzjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

TAQSIMA 1

TRIOSSIDU TAL-KROMJU

(CAS Nru 1333-82-0; Einecs Nru 215-607-8)

DIKROMAT TA' L-AMMONJU

(CAS Nru 7789-09-05; Einecs Nru 232-143-1)

DIKROMAT TAL-POTASSJU

(CAS Nru 7778-50-9; Einecs Nru 231-906-6)

Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema (1) u għall-ambjent (2, 3, 4, 5, 6)

(1) L-impjegaturi li jużaw il-komposti tal-kromju (VI) fil-produzzjoni tal-pigmenti u taż-żebgħat, fil-formulazzjoni tal-prodotti għat-trattament tal-metall, fil-kisi elettrolitiku tal-metall u bħala murdenti fiż-żbigħ tas-suf għandhom jikkunsidraw kwalunkwe gwida speċifika għas-settur żviluppata fuq livell nazzjonali bbażata fuq il-gwida prattika u ta' natura li ma torbotx, disponibbli mill-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE [5].

[1] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
[2] ĠU L 25, 28.1.1997, p. 13.
[3] ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
[4] ĠU C 152, 18.6.2008, p. 1.
[5] ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).

(2) L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati għandhom jistipulaw, fil-permessi maħruġa skond id-Direttiva 2008/1/KE [1], kundizzjonijiet, valuri ta' limitu għall-emissjonijiet jew parametri ekwivalenti jew il-miżuri tekniċi dwar il-komposti tal-kromju (VI) sabiex joperaw skond l-Aqwa Metodi Disponibbli (BAT), waqt li jikkunsidraw il-karatteristiċi tekniċi ta' l-installazzjonijiet ikkonċernati, il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali.

(3) L-Istati Membri għandhom jeżaminaw bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-BAT rigward il-komposti tal-kromju (VI) u jirrapurtaw kwalunkwe żvilupp importanti lill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-BAT.

(4) L-emissjonijiet lokali fl-ambjent għandhom, fejn ikun meħtieġ, ikunu kkontrollati minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-ambjent.

(5) B'attenzjoni partikolari għar-riduzzjoni fuq is-sit tal-komposti tal-Kromju (VI) għall-imluħ ta' l-ikkonzar tal-Kromju (III) minn fabbriki involuti fl-ikkonzar tal-ġlud, huwa rakkomandat li fl-emenda li jmiss tad-dokument BREF għall-fabbriki involuti fl-ikkonzar tal-ġlud, jiġu inklużi referenzi xierqa biex jindikaw li r-riduzzjoni fuq il-post ta' komposti tal-Kromju (VI) għall-produzzjoni ta' l-imluħ ta' l-ikkonzar tal-Kromju (III) m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala BAT.

(6) Għall-korpi ta' l-ilma fejn l-emissjonijiet tal-kromju (VI) jistgħu jikkawżaw riskju, l-Istat/i Membru/i rilevanti għandu/hom jistabbilixxi/u EQSs u l-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis nazzjonali biex jintlaħqu dawk l-EQSs fl-2015 skond id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

TAQSIMA 2

DESTINATARJI

(7) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lis-setturi kollha li jimpurtaw, jipproduċu, jittrasportaw, jaħżnu, jifformulaw fi preparazzjoni jew iproċessar ieħor, jużaw, jarmu jew jirkupraw is-sustanzi u lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

[2] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/32/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 60).